Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

Gurisdizzjoni Superjuri

Sezzjoni Generali

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Rikors Nru: 31/14MV

It-Tabib Dottor Joseph Galea (K.I. tal-identita' 220975M) flimkien ma' martu Jacqueline Galea (K.I. 372974M) ghal kull interess li jista' jkollha.

Vs

Raymond Attard K.I. 47664G.

Illum 22 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Dr. Joseph Galea et datat 22 ta' Mejju 2014 fejn ippremettew u talbu is-segwenti:

1) *Illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru elfejn u tnax (2012) l-l-esponent Dr Joseph Galea kien involut f'inċident stradali meta, għall-ħabta tas-sitta u kwart ta' filgħodu (6.15a.m. ) waqt li kien kien għaddej minn Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex bil-*

*mutur tiegħu Honda 250cc, numru ta' reġistrazzjoni FAB 742, intlaqat minn vettura tat-tip Toyota Hilux, numru ta' reġistrazzjoni STO 019 misjuqa minn Raymond Attard;*

*2) dan l-inċident kien biss tort u tort tal-intimat Raymond Attard, minħabba traskuraġni kbira, traskuraġni, u anke sewqan perikoluż u għalhekk bi ksur tar-regolamenti kollha tat-traffiku. Fil-fatt l-istess Attard kien oriġinarjament tiela' tul Triq ir-Repubblika, fid-direzzjoni opposta għal dik li fiha kien miexi l-esponenti. Ħin minnhom ra spazju għall-parkeġġ vojt fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, in-naħa tax-xellug tal-esponenti, u nonkuranti għall-aħħar, mingħajr ma ta' każ ta' min kien għaddej fid-direzzjoni opposta u mingħajr lanqas biss ta indikazzjoni ta' dak li kien se jagħmel qabad u għamel kważi U-turn sabiex jipparkja l-vettura tiegħu f'forma ta' fishbone b'rabta mal-karreġġjati ta' Triq ir-Repubblika, iżda bil-quddiem tal-vettura tħares l'isfel. Meta għamel hekk investa lill-esponenti min-naħa tal-lemin tiegħu u kkaġunalu diversi ġrieħi serji, inkluż ksur f'ħames postijiet tar-riġel tal-lemin tiegħu (liema ksur kien jinkludi żewġ compound fractures), u ksur f'idu ix-xellug.*

*3) Illi konsegwenza ta' dan kollu, l-esponent sofra danni kbar, inkluż ħsara fil-mutur tiegħu – liema mutur kien klassiku u konsegwenza tal-inċident sar ħsara lil hinn minn tiswija ekonomika. Iktar importanti, u ta' konsegwenza ferm akbar kienu l-feriti li sofra, liema feriti tant kienu serji li kienu jġiegħlu lill-esponent jassenti lilu nnifsu mix-xogħol għal perjodu ta' żmien konsiderevoli u ħallewh ukoll ibati minn debilitazzjoni permanenti severa u multipla kif ser jiġi dettaljatament ippruvat fid-dettall waqt it-trattament tal-każ;*

*4) Illi kull tentattiv min-naħa tal-esponenti biex jilħqu ftehim bonarju mal-kumpanija tal-assigurazzjoni tal-intimat ma tax is-suċċess mixtieq;*

*5) Li l-esponent għandu jitħallas kumpens għad-danni li jkun ġarrab u għalhekk qed isir dan il-każ;*

*Għaldaqstant talbu lil dik l-*Onorabbli *Qorti:*

*1. tiddikjara li Raymond Attard unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru elfejn u tnax (2012) meta, fis-sitta u kwart ta' filgħodu (6.15 a.m.) waqt li kien għaddej minn Triq ir-*RepubbIika, *ir-Rabat, Għawdex bil-mutur tiegħu Honda 250cc, numru reġistrazzjoni F AB 742, l-*attur Dr Joseph Galea *ġie investit minn vettura Toyota Hilux numru tar-reġistrazzjoni STO 019 misjuqa minnu;*

*2. tiddikjara għalhekk li Attard responsabbli li tikkumpensa lill-atturi għad-danni kollha li jkunu sofrew bħala konsegwenza tal-imsemmi inċident;*

*3. tillikwida dawn id-danni billi jiddikjara li jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u l-lukri ċessanti li jirriżultaw matul it-*trattazzjoni *tal-kawża;*

*4. tikkundannah sabiex iħallas lill-*attur *dawn id-danni kif hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali ta' Lulju 2013; u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra l-kumpanija assiguratrici tal-intimat, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors promutur.[1]

Rat ir-risposta tal-intimat Raymond Attard K.I. 47664G datata fl- 14 ta' Ottubru, 2014 fejn iddikjara u eccepixxa :

1. *Fl-ewwel lok illi l-intimat jiddikjara li fir-rigward tar-responsabilita' tal-incident din tinsab diga' ammessa u kwindi l-ispejjez relattivi ghall-ewwel talba ghandhom jigu sopportati interament mill-istess atturi.*
2. *Illi, fir-rigward tal-bqija tat-talbiet atturi, l-intimat jikkontendi li l-atturi ghandhom jippruvaw id-danni kollha minnhom reklamati, inkluz billi jezebixxu x-xhieda u d-dokumentazzjoni kollha relattiva a sostenn tat-talba taghhom u dana kemm fir-rigward ta' kwalunkwe danni emergent u kif ukoll lukri cessanti kif minnhom allegat.*
3. *Illi, ghal kull bwon fini l-intimat jiddikjara li ma ntalhaqx ftehim ghall-hlas lill-atturi tramite l-assikurazzjoni tieghu Citadel Insurance p.l.c. in vista tal-fatt li r-rikorrenti kien qieghed jitlob danni ezagerati meta wiehed jikkunsidra ic-cirkostanzi kollha relattivi tal-kaz in ezami.*
4. *Illi ghaldaqstant u tenut kont ta' dak eccepit hawn fuq m'hemmx lok ghal imghaxijiet fuq is-somma likiwidata tenut kont tal-offerta maghmulha lill-atturi.*

[1] A folio 6 sa 57 tal-process.

5. *Illi t-talbiet atturi huma ghaldaqstant infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant l-atturi ghandhom jissaportu l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna.*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti.

Rat l-affidavits u ix-xhieda tal-partijiet.

Rat u qieset id-dokumenti u l-provi kollha prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomoblistiku li sehh fit-28 ta' Novembru 2012 gewwa Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex fejn ir-rikorrenti kien qed isuq Honda 250cc bin-numru ta' registrazzjoni FAB 742 meta gie investit minn vettura li kienet qed tigi misjuqa minn l-intimat. Jidher li l-intimat kien qed isuq Tooyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni STO 019.

Din il-kawza tirrigwarda esklussivament il-kwantifikazzjoni tad-danni ghax il-htija tal-intimat Attard mhux qed tigi diskussa u giet accettata. Minn naha tieghu l-intimat qed jikkontendi biss li l-kwantifikazzjoni tad-danni tar-rikorrenti Galea hija esagerata. Jghid ukoll li s-somma likwidata ghandha tkun minghajr taxxi in vista li hu ammetta l-htija.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed ir-rikorrenti **Dr. Joseph Galea** permezz ta' affidavit datat 30 ta' Ottubru 2014 fejn spjega d-dinamika tal-incident imma ukoll il-fazijiet kollha tar-rkupru tieghu wara l-akkadut.[2] Jghid li meta baghtuh id-dar mar fuq stetcher permezz ta' ambulanza u mar ghand ommu ghax il-post kien aktar accessibbli mill-post fejn kien jghix ma' martu. Jghid li wara dan dahal bhala pazjent Mater Dei Malta fejn gie operat u dam ghal diversi gimghat hemm. Jghid li wara hareg fil-21 ta' Jannar 2013 u ma kienx jaghmel distanzi twal fuq saqajh u kien juza l-krozzi ghax kien jghejja.

Psikologikament kien zmien ikrah hafna ghalih u barra l-ugigh fiziku kien imdejjaq u kellu qtiegh ta' qalb ukoll. Jghid li hu kellu dizabilita' permanenti. Ix-xhud jelenka id-danni attwali kif ukoll jghid li d-dizabilita' ikkawzatlu danni ukoll fil-futur.

Xehdet **Jacqueline Galea** mart ir-rikorrenti permezz ta' affidavit datat 31 ta' Ottubru 2013 u qalet li saret tafu fl-2008. Kellu hafna passatempi

[2] A folio 67 tal-process.

u kien membru fir-rizerva tal-Forzi Armati ta' Malta. Tghid li ghalkemm kienet tqila b'tewmin kienet tghaddi hafna hin mieghu hdejh l-isptar wara l-incident ghax kien imdejjaq hafna.[3] Issostni li barra li jbaghti dizabilita' fizika huwa limitat kemm igawdi lill-uliedna. Tghid li hu ma jistax jaghmel affarijiet semplici bhal jitla' fuq sellum u ma jorqodx raqda shiha bhal qabel.

Xehdet **Maria Antonia Galea** permezz ta' affidavit datat 30 ta' Ottubru 2014 fejn qalet li tiftakar il-gurnata tal-incident u li marret l-isptar ta' Ghawdex fejn infurmawha bil-kundizzjoni serja. Tirrakonta it-tragitt mediku wara l-incident u tghid li wara kellu dwejjaq kbar u dam xhur ma dahal lura x-xoghol. Hajtu ma ghadix l-istess u ma jistax' jaghmel affarijiet li kien jaghmel qabel.[4]

Xehdet it-tabiba **Dr. Marlene Attard** nhar is-17 ta' Marzu 2015 u tikkonferma li hija kienet xoghol meta r-rikorrenti ddahhal l-isptar f' kundizzjoni kritika. Pero' tghid li kien fully conscious ghalkemm fi state of shock.[5] Tghid li hu ddahhal wara incident tat-traffiku. Tghid li kellu bzonn urgenti ta' opinjoni specjalistika u kellmet lil Dr. Pecar li kien il-kirurgu tal-ortopedija dak in-nhar.

Xehdet **Christine Cassar** nhar is-17 ta' Marzu 2015 fejn esebiet diversi dokumenti allaccati mad-dhul tar-rikorrenti ghas-snin 2011 u 2012.[6]

[3] A folio 71 tal-process.
[4] A folio 79 tal-process.
[5] A folio 94 tal-process.
[6] A folio 96 tal-process.

Xehdet **Dr. Marlene Attard** nhar id-29 ta' Mejju 2015 fejn esebit ic-certifikat mediku rilaxxat minnha tal-pazjent ir-rikorrent Joseph Galea.[7]

Xehdet **Christine Cassar** nhar id-29 ta' Mejju 2015 fejn qalet li l-allowances precedenti ghal-kategorija kienu saru parti integrali mill-paga u esebit il-pay slips tat-2013 u 2014.[8] Hija esebiet ukoll diversi dokumenti, inkluz il-fthiem kollettiv bejn il-Gvern ta' Malta u The Malta Medical Association of Malta.[9]

Gie ipprezentat rapport kongunt mill-esperti mahtura minn din il-Qorti diversament ppreseduta, Mr. Charles Grixti u il-Psikjatra Dr. Etienne Muscat a folio 249 sa 256 tal-atti processwali fejn stabilew li id-disabilita' li kien qed isofri ir-rikorrent a kawza tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri kien ta' dsatax (19%) fil-mija.[10]

Gie ipprezentat ir-rapport mediku mill-konsulent kirugu Mr. Carmel Sciberras wara li Mr. Charles Grixti miet fil-mori tal-proceduri u ma kienx lahaq halef ir-rapport tieghu u dan wasal ghal-konkluzjoni li r-rikorrenti ghandu disasbilita' fizika ta' **tnejn u ghoxrin fil-mija (22%).**[11]

[7] A folio 131 tal-process.
[8] A folio 139A tal-process.
[9] A folio 181 tal-process.
[10] Disabilita' ortopedika hija ta' 15% (fol 255 tal-process) skond Mr. Grixti li lahaq miet waqt il-mori tal-proceduri u ghalhekk ordnat lir-rapport mhux mahluf tieghu ma jigix ammess fl-atti (A folio 263) tal-process.
[11] A folio 271 tal-process. Dan gie mahluf per A folio 278 u 342 tal-process.

Gie ipprezenta ir-rapport tal-periti perizjuri li gew mahtura fuq talba tal-intimat u wara li din il-Qorti kif diversament ppreseduta semghet x' kellu xi jghid ir-rikorrenti. Il-periti medici Mr. Thomas Azzopardi, Mr. Ray Gatt u Mr. Ivan Esponsito iddikjaraw li **l-whole person impairment kien ta' 10%.**[12]

Xehed ir-rikorrenti **Dr. Joseph Galea** fl-10 ta' Mejju 2018 u ikkonferma li qed jahdem.[13] Jghid li qed jahdem full-time kemm l-isptar ta' Ghawdex kif ukoll gol-Health Centre.[14]

Kompla jixhed ir-rikorrenti **Dr. Joseph Galea** nhar l-24 ta' Mejju 2018 fejn ikkonferma li Citadel Insurance qatt ma qalulu li mhux ser ihallsuk xejn. Jghid li bejn wiehed u iehor il-mutur kien ilu tlett xhur ghandu u ma kienx gdid.[15] Jghid li ma ghandux record ta' kemm xtrah. Jghid li wara l-incident xtara mutur jew tnejn ohra. Dawn zammhom. Jghid li il-muturi li xtara ma kienux tal-istess tip. Dwar l-FS3 li ezebixxa in atti jaqbel li dawn huma l-introjtu kollu tieghu. Jaqbel li l-finge benefitcs huma l-allowances tal-vettura. Jghid li f'Marzu tas-senta ta' wara dahal ix-xoghol pero' ma damx jahdem bhal ma kien qabel. Jghid li dahal jahdem ftit sieghat ghax diga' kien waqa' half pay.[16] Jghid li unpaid leave ma hax u kien jahdem xi 60 jew 70 siegha fil-gimgha. Isostni li kien jigi tlett kwarti jew siegha 4 darbiet fil-gimgha. Jghid li scuba diving gieli kien imur fl-off u gieli kien imur fil-leave. Jaqbel li mid-data tal-incident sa issa l-mobilita' tieghu tjiebet. Isostni li mhux kapaci jimxi fit-tul.

[12] A folio 308 tal-process.
[13] A folio 345 tal-process
[14] A folio 162 huwa il-prospett tal-pagi li dahhal mill- 2012 sa 2017 ir-rikorrenti.
[15] A folio 356 tal-process.
[16] A folio 360 tal-process.

Xehed **Tarcisio Mercieca** nhar it-8 ta' Novembru 2018 fejn ikkonferma id-dokumenti mal-ingunzjoni.[17] Jghid li l-market value tal-mutur tal-vittma kien Ewro 800. Jghid li skond huwa il-mutur kien tal-1997 u ma jigix vintage motorcycle.

Kontro-ezaminat jghid li l-mutur gie imanifatturat 1977. Jghid li b' dik id-data jista' jghaddi vintage.[18]

Ri-ezaminat jghid li hu rah mahbut. Isostni li l-kundizzjoni tieghu kienet tajba. U kellu ftit kilometri.

Kontro ezaminat mill-gdid jghid ukoll li l-istima harigha fuq il-parts li kien hemm bzonn jinbidlu. Meta gie immanifatturat il-mutur ma taghmilx differenza. Jaqbel li mutur vintage aktar difficili biex issiblu parts fis-suq. Jghid li l-izball fl-annu kien induna bih illum. Il-prezz tieghu la hu aktar antic jinbidel 'l fuq.[19]

Xehdet **Maria Antonia Galea,** tghid li r-rikorrenti kien kellem psikjatra. Tghid li peress li kienet ommu kienet qed tarah depressed. Tghid li illum ghadu ftit depressed ghax ma ghadux jghix il-hajja tieghu ta' kuljum. Tghid li l-attivita' fizika naqqas hafna ghax kien bniedem

[17] A folio 375 tal-process.
[18] A folio 379 tal-process.
[19] A folio 410 **il-market value tal-mutur gie stabilit bejn Ewro 1,800- Ewro 2,000. Salvage value Euro 200. Beyond Economical repair. Il-Qorti rat ukoll id-dokument a A folio 56 ipprezentat mir-rikorrenti fejn jidher li il-mutur simili hu ivvalutat circa STG. 2,395.**

sportiv. Issostni li peress li ghandu sieq iqsar mill-ohra l-konsegwenzi huma permanenti. Ma jistax jimxi kemm irid, sa xi 50 metru.[20]

Xehdet **Jacqueline Galea** nhar il-31 ta' Jannar 2019 u tghid li zewgha kien jahdem hafna kif ukoll kellhom hin liberu biex jimxu u jmorru l-bahar. Tghid li kien jahdem il-Hdud u weekends ukoll bhala overtime. Tghid li fl-off kienu jmorru xi mixja jew jiddedikawh ghal xi passatemp taghhom.[21] Issostni li kien imur jigri ta' spiss. Issostni li fuq l-imharbat ma jistax jimxi tajjeb fuq saqajh. Tkompli tghid li ma jorqodx raqda twila. Tghid li illum il-gurnata jaghmel night shifts ukoll

**Ikkunsidrat:**

Din hija kawza **biss** fuq likwidazzjoni ta' danni minhabba li l-htija giet ammessa fir-risposta tal-konvenut.

Qabel xejn din il-Qorti ser taghmel riassunt zghir tal-fatti:

1. L-incident sehh fit-28 ta' Novembru 2012;
2. Intbaghtet ttra bonarja minghajr kwantifikazzjoni tad-danni fit-13 ta' Marzu 2013.[22]
3. Intbaghtet ittra ufficjali datat 3 ta' Lulju 2013 li l-intimat ircieva fit- 2 ta' Awwissu 2013. F' din l-ittra ukoll ma gewx kwantifikati id-danni mitluba;

[20] A folio 402 tal-process.
[21] A folio 407 tal-process.
[22] A folio 12 tal-process.

4. Fis-sena 2012, l-ahhar sena kwazi shiha qabel ma wegga' b'mod gravissimu ir-rikorrenti hu ippercepixxa tmienja u sebghin elf u tnejn u disghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€78,092.28c), thallas elf mija u sebghin Ewro (€1,170.00c) car allowance mhux taxxabbli, hallas tnejn u ghoxrin elf u sitt mija u sebgha u hamsin Ewro (€22,657.00c) taxxa, u tnaqqsu Ewro erbat elef u tnax il-Ewro u ghaxr centezmi (€4012.10c) kontribuzzjonijiewt socjali. Dunque il-qliegh nett kien ta'tnejn u hamsin elf u hames mija u tlieta u disghin Ewro u tmintax il-centezmu (€52, 593.18**)**.[23]
5. Intbaghtet it-tieni ittra bonarja datat 23 ta' Jannar 2014 fejn gew mitluba danni komplessivi fl-ammont ta' seba' mija u tmienja u sebghin elf u sitt mija u erbghin Ewro (€778,640.00c).
6. Il-kawza infethet fit-22 ta' Mejju 2014.[24]
7. Il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar fil-31 ta' Jannar 2019.[25]
8. Ir-rikorrenti pprezenta nota ta' sottmissjonijiet nhar il-15 ta' Mejju 2019[26].
9. Il-konvenut dahhal in-nota ta' sottomissjonijiet fl-14 ta' Frar 2020.[27]
10. Ir-rikorrenti ressaq rikors biex din il-Qorti kif ppreseduta twaqqaf il-prolazzjoni tas-sentenza, tiftah mill-gdid il-ftuh tal-provi u

[23] A folio 14 tal-process.
[24] **Mar rikors promutur gew annessi forst l-ohrajn certifikat mediku ta' Dr. Massimo Abela fejn qal li l-intimat gahndu dizabilita' permanenti ta' 25% (A folio 22 tal-process). Hemm certifikat iehor ta' Dr. Anton Grech fejn jghid li ghandu disabilita' psikologika ta' 5% ( A folio 51 tal-process). <u>Dawn ic-certifikati bl-ebda mod ma gew guramentati u ghalhekk mhux ser jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti</u>. L- istess ghandu jinghad ghac-certifikati u dokumenti l-ohra li f' dan il-process ma gewx guramentati fosthom id-dokument a A folio 52 allegatament mahrug mill-fisjoterapista Mr. Frank Xerri. Il-Qorti trid tfakkar li il-perm tal-kawza huwa fuq il-quantum tad-danni u allura wara aktar minn 8 snin li bdiet kien mistenni mir-rikorrent li jipprova dak allegat minnu b' rigorozita'** (Ara f' s' sens kuntrarju **Middlesea Insurance pls vs Spot On Gypsum Ltd.** (Rik. Nru. 915/2010 AE) deciza fis- 27 ta' Jannar 2021 per S.T.O. Prim IMhallef Mark Chetcuti flimkien mal-Imhallfin Joseph R. Micallef u Tonio Mallia).
[25] A folio 416 tal-process.
[26] A folio 418 tal-process.
[27] A folio 445 tal-process.

terga' tahtar perit jew perit medici biex jezaminaw id-dizabilita' permanenti tar-rikorrenti stante illi iddikjara li beda ibaghti minn kundizzjoni ohra kawza tal-incident li ma kinitx get ikkunsidrata;[28]

11. L-intimat oggezzjoni ghal tali talba;[29]
12. Il-Qorti cahdet it-talba.[30]
13. Ir-rikorrent permezz ta' rikors iehor talab biex jappella minn dan id-digriet u l-Qorti laqghet it-talba fid- 29 ta' Marzu 2022;
14. Il-Qorti tal-Appell ppreseduta mill-S.T.O. Prim' Imhallef Mark Chetcuti flimkien mal-Imhallfin Joseph R. Micallef u Tonio Mallia fis-26 ta' Ottubru 2022 billi qieset '***l-appell irritu u null u kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-attur, bl-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-attur.***'

**Ikkunsidrat:**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrenti qed jitlob lill din il-Qorti:

'b. Tillikwida d-danni emergent sofferiti mill-attur fl-ammont ta' Ewro 172. 79 imnaqqas bhala sick leave, Ewro 12,192.25 ikkalkolat bhala telf ta' sahra, Ewro 599 bhal spejjez ta' vizti ghand tobba u specjalisti u Ewro 2,395 valur tal-mutur ghal tital ta' **Ewro 15,359.**

[28] A folio 458 tal-process.
[29] A folio 463 tal-process
[30] A folio 470 tal-process.

c. Tillikwida l-lukri cessanti sofferti mill-attur fl-ammont ta’ **Ewro 598.678**.

d. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont komplessiv ta’ **Ewro 614,037** flimkien mal-imghaxijiet fuq din is-somma b’ effett mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.’[31]

Minn-naha tieghu l-intimat jiddikjara li din ic-cifra hija wisq oneruza u jissottometti is-segwenti dwar il-*lucrum cessans*:

| | |
|---|---|
| Paga li ghandha isservi bhala bazi ghall-kalkolu: | Ewro 51,737.97 |
| Multiplier: | 18 |
| Grad ta’ debilita’ permanenti: | 12.5% |
| Lump sum payment reduction: | 20% |

Kalkolu (E. 51,737.97x18x12.5%)- 20%= **Ewro 93,128.34c.**[32]

Ghal dak li jirrigwarda id-dannu emergens huma jinsistu li il-valur tal-mutur stabilit bi preciz kien ta’ Ewro 800 u l- fatt li gie stimat bejn Ewro 1,800 u Ewro 2000 kien sta ghar-rikorrenti li jippruvah. Peress li ma kien hemm xejn spjegat fuq hekk allura l-ammont li ghandu jinghata hu ta’ Ewro 800.[33] L-intimat jishaq ukoll li l-ammont ta’ sick

[31] A folio 437 tal-process.
[32] A folio 449 tal-process.
[33] A folio 453 tal-process.

leave ghandu jkun proporzjoni ta' Ewro 172.79c u l-ispejjez tat-tobba kif indikat fid-dokumenti tar-rikors promutu hu ta' Ewro 459.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti dwar id-*danni emergent* ftit jidher li hemm xi tghid. Il-Qorti ser toqghod fuq id-dokumentui kollha li hemm quddiemHa u li gew guramentati u ser tiskarta kull dokument iehor kif inghad aktar 'l fuq.

Ghalkemm din il-kawza ilha issa sejra mill-2014 ir-rikorrent naqas milli jipprova li huwa hallas ghal xi tip ta' kura psikjatrika jew fisika[34]. L-ebda ircevuta annessa mar-rikors promutur ma' giet guramentat minn min harigha u din il-Qorti ma tistax toqghod fuqha.

L-unika pprova tajba u shiha li ghandha il-Qorti quddiemHa hija l-kwantifikazzjoni ta' kemm jiswa *pressa a poco* il-mutur u dan tramite d-dokumenti pprezentati minn Tarcisio Mercieca fejn ipprezenta waqt is-seduta tal- 31 ta' Jannar 2019 l-*auto appraisal report*.[35] Il-qorti hija sodisfatti li l-mutur gie immanifatturat 1977 u li jiswa bejn Ewro 1,800 u Ewro 2,000.

**Minhabba l-eta' tal-mutur u hemm tendenza li tali oggetti maz-zmien, jekk jigi indukrati tajjeb, anki jitilghu fil-prezz ser takkorda l-massimu tal-valur fis-suq ghas-sena 2012, ossija elfejn Ewro (Ewro 2,000).**

[34] L-ircevuti mhumiex fiskali lanqas.
[35] A folio 416 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrent fil-mori tal-kawza jaghmel hafna enfazi fuq il-hajja mhux lavorattiva tieghu u ghal fatt li ghamel perjodu pjuttost twil b' depressjoni minhabba l-incident. Din il-Qorti fliet bir-reqqa x' qal hu, ommu u martu ghal fatt li bniedem atletiku u impenjattiv bhal ma jidher kien ir-rikorrent jispicca limitat fl-attivitajiet tieghu u dan specjalment fl-ewwel xhur ta' wara l-incident. Il-Qorti tifhem ukoll l-ansjeta' tieghu mhux biss tal-limitazzjoni fizici tieghu personali imma tal-fatt li tali limitiazzjonijiet kellhom fuq l-attivitajiet familjari. Il-Qorti tistqarr li ser tkun qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll dan l-aspett fil-likwidazzjoni ta' danni meta ragel fl-ahjar ta' hajtu, minhabba it-traskuragni u non kuranza tal-ointimat tnaqqaslu drastikament l-attivita' li seta' jaghmel barra il-hinijiet lavorattivi mhux bih ghalih innifsu izda ukoll mal-familja tieghu, u b' mod partikolari ma' uliedu.[36]

Mill-banda l-ohra il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-attivitajiet extra-lavorattivi, u waqt il-hajja lavorattiva, tendenzjalment dejjem jonqsu minhabba l-impenji tat-tfal u tal-familja in generali, barra li wiehed hemm tendenza li jahdem aktar minhabba dawn tal-ahhar.

**Ghalkemm, il-Qorti mhux ser toqghod fuq id-dokument tal-psikjatra tar-rikorrent minhabba li mhux guramentat temmen li huwa kien affettwat mentalment b'mod negattiv minhabba l-**

[36] Skond ma xhedet martu hija kient tqila b' zewg twenin meta indarab.

**incident u ser tkun qed tillikwida animo boni viri din il-hsara fl-ammont ta' hames t' elef Ewro (Ewro 5,000)[37].**

**Ikkunsidrat:**

Kif gie ribadit fil-kawza **Mario Camilleri vs Mario Borg et noe** deciza fit- 8 ta' Mejju 1990 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per il-mikbi Onorevoli Professur Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici f'tema ta' *lucruum cessans* il-kriterji li ghandha timxi fuqhom il-Qorti fil-likwidazzjoni, fejn huwa possibbli, ghandha terga' tqieghed lill-vittma fl-istess stat li kien fih qabel l-incident.

Illi mill-provi jirrizulta li ir-rikorrenti kellu tnaqqis konsiderevoli fl-intorojtu tieghu fis-sena 2013 filwaqt li mill-2014 qabad ir-ritmu lavorattiv normali.[38] Skond il-pay slips tal-2013 a A folio 140 sa 152 u dahhal is-somma ta' Ewro **32,884.55.**[39] Il-qliegh net fl-2012 kif diga' inghad aktar 'l fuq kien ta' **Ewro 52, 593.18**.

Il-Qorti thoss li ikun gust u ekwi li fl-ewwel sena ta' wara l-incident ir-rikorrenti jinghata id-differenza bejn is-somma li kien qala u is-somma li kien ippercepixxa wara l-incident u dan tenut kont it-tbatijiet li hu u il-familjari kienu ghaddejjin minnhom, fosthom ghal fatt li huwa ghamel xi zmien rikoverat l-Isptar Malta u dan kompla jaggrava t-tbatija tieghu u in-nuqqas ta' intorju.

---

[37] Il-Qorti ma ghandix ghalfejn tiddubita mill-istqarrijiet ta' martu u ommu li ghamel zmien pjuttost twil imdejjaq u b' depressjoni.

[38] A folio 349 tal-process.

[39] Total tan-net pay tal-pay slips 2013.

**Ghaldaqstant, il-Qorti qed takkorda Ewro 19,708.63c u qed tkun qed tnaqqas sena mill-multiplier ladarba hu ser jigi ezatt fl-istess posizzjoni finanzjarja li kien fiha fl-2012.**

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza **Alexander u Patricia konjugi Wright vs Francis Farrugia, Alan Farrugia u Perit Tancred u Angela konjugi Mifsud** (Rik. Nru. 988/2010/2GM) deciza fl-1 ta' Frar 2024 mill-Qorti tal-Appell per S.T.O. il-Prim Imhallef Mark Chetcuti flimkien mal-Imhallfin Christian Scerri Falzon u Josette Demicoli gie ribadid is-segwenti dwar l-opinjoni tal-periti teknici:

**27. Huwa minnu dak li jgħidu l-atturi, li bil-liġi skont l-Artikolu 681 tal Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti mhijiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti ġudizzjarji kontra l konvinzjoni tagħha nfisha. Madankollu, ladarba l-fehmiet tal-esperti tekniċi huma meqjusa bħala aċċertament ta' fatti, allura biex il-Qorti tkun tista' titbiegħed minnhom, jeħtieġ illi jkun hemm raġunijiet serji u validi biżżejjed (ara Paul Lungaro v. Salvino Lungaro deċiża mill-Qorti App. Ċiv.988/2010/2 Appell fis-26 ta' Mejju, 2021 u Carmel sive Charles Gatt et v. Joseph Stagno deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2021).**

**28. Tassew, Qorti ma tistax tkun tant prużuntuża illi tmur kontra l opinjoni teknika tal-esperti tagħha, meta tali opinjoni ma tkunx ġiet**

**raġonevolment megħluba bi provi oħra konvinċenti (ara Benjamin Camilleri noe v. Charles Debattista et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001). Dan għaliex, f'qasam tekniku jew speċjalizzat, l-Imħallef ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għal fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam (ara Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 u Geswalda Caruana v. Francis Xerri et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2014).**

Il-Qorti wara li fliet ir-rapporti tal-periti mahtura minnha tqis li ma ghandiex ghalfejn tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta minnhom. Il-percentwal ta' 10% bl-ebda mod ma gie attakkat mir-rikorrenti u allura din il-Qorti thoss li ghandu taghmlu taghha. Ghall-kuntrarju l-percentwal ta' disabilita' tar-rikorrenti kif gie deciz mill-ewwel perit tekniku gie ikkontestat mill-intimat tant li talba perizja addizzjonali.

**Ghaldaqstant, il-Qorti thoss li il-percentwal ta' 10% huwa dak il-grad ta' disabilita' li ghandha toqghod fuqu.**

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-kwistjoni tal-multiplier il-Qorti tal-Appell fil-kaz ta' **Noel Borg vs David Norbert Schembri et ( Rikors Nru. 724/12/1 GM)** deciz fl- 1 ta' Frar 2024 per S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti flimkien mal-Imhallfin Anna Felice u Josette Demicoli intqal is-segwenti:

**Id-Direttur appellant jilmenta li l-multiplier użat mill-Ewwel Qorti fil-kalkolu tad-danni kien wieħed eċċessiv. Wara li rrefera għall-Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili, ta ħarsa għal ġurisprudenza sabiex isaħħaħ il-punt tiegħu. Fisser li meta seħħ l-inċident l-attur kellu 31 sena. L-Ewwel Qorti użat multiplier ta' 28 sena. Id-Direttur appellant isostni li dan il-multiplier huwa ogħla mill multipliers użati fis-sentenzi li huwa semma f'kawża fejn id-danneġjat kellu l-istess età li tqarreb dik tal-attur. L-appellant qal li multiplier ta' 22 sena għandu jkun biżżejjed. Jissokta jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-fatt illi fil-każ tal-lum, l-attur ma ppruvax kif id-diżabilità tiegħu affettwatlu xogħolu u qiegħda tnaqqaslu mill-kapaċità tiegħu li jkollu jaħdem u b'hekk affettwatlu d-dħul tiegħu. Fuq kollox jgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-fatt li mill-Employment History tal-attur jirriżulta illi qabel iddaħħal il-ħabs huwa ma kellux xogħol u kien ilu mingħajr xogħol għal madwar sena u dan għalkemm ma kien qiegħed isofri ebdadiżabilità.**

**38. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li skont l-Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-ħsara li persuna responsabbli trid twieġeb għaliha tikkonsisti: (i) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil dannuż; (ii) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall ħsara li saritilha; (iii) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (iii) fit telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità dejjiema kawżata minn dak l-għemil (ara Leserlie Caruana v. Brian Cauchi deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008). Dawn l-irjus ta' danni differenti ġeneralment huma magħrufa fil-ġurisprudenza bħala damnum emergens (ħsara diretta) u lucrum cessans (telf ta' qligħ).**

**39. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni (ara Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru, 1983 u Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).**

**40. Minbarra dan, għalkemm fil-passat ingħataw bosta sentenzi fejn ġie mtenni li l-multiplier ma kellux jaqbeż l-għoxrin sena, din is-sitwazzjoni Paġna 28 minn 37 App. Ċiv.724/12/1 nbiddlet wara s-sentenza Mary Bugeja noe et v. George Agius noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Lulju, 1991, fuq ir-raġuni li l-Qorti għandha tfittex, qabel kull ħaġa oħra, li tqiegħed kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab il-ħsara, fl-istat li kien qabel l-inċident, b'dana għalhekk li l multiplier irid ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-multiplier għandu jittieħed qies tal-età tad danneġġjat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil mument tal-inċident, għaliex il-multiplier irid jinkorpora ġo fih dak l element ta' «chances and changes of life or vicissitudes of life».**

**41. Il-kunċett ta' «chances and changes of life», ġie mdaħħal biex sewwasew jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix**

**sa età avvanzata, il ħajja tgħallimna mod ieħor. Kien għalhekk li l-working life expectancy ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-multiplier (ara Francis Gauci v. Jimmy Bugeja deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta Novembru, 2009).**

**42. Hekk kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2016, Paġna 29 minn 37 App. Ċiv.724/12/1 mhux il-każ li wieħed iħaddem il-kriterju tal-multiplier bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara (ara wkoll Rosaria Pintley nomine v. Noel Sciortino et deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019; u d deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet Trevor Grech v. Lawrence Agius).**

**43. Fil-każ tagħna, l-Ewwel Qorti ddeċidiet fis-sentenza appellata li tħaddan multiplier ta' tmienja u għoxrin (28) sena. L-attur appellat fir risposta tal-appell tiegħu kiteb li huwa jista' joqgħod ma' dan l-ammont ta' multiplier. Min-naħa l-oħra, il-konvenut appellant jgħid li l-multiplier kellu jkun ta' tnejn u għoxrin (22) sena.**

**44. Din il-Qorti wara li ħadet kont tal-prinċipji mnissla mill ġurisprudenza fuq imsemmija, tosserva li l-attur appellat kellu wieħed u tletin (31) sena meta seħħ l-inċident. Jirriżulta minnu dak li qal il-konvenut appellant li l-attur kien ilu żmien ma jaħdimx u meta kien jaħdem id-dħul tiegħu ma kienx kbir. Biss però dan l-argument ma jinċidix fuq il-multiplier li għandha tuża l-Qorti iżda**

**semmai jittieħed in konsiderazzjoni għal dak li huwa l-kalkolu tad-dħul. Fil-fatt jidher li l-Ewwel Qorti mxiet tajjeb għaliex użat il-kejl tal-paga minima. Il-konvenut appellant ma ressaq l-ebda lment dwar dan l-aħħar punt.**

**Għaldaqstant għal dak li huwa l-multiplier, għad li din il-Qorti tagħraf li l-ħajja tax-xogħol qiegħda dejjem tiżdied kulma jgħaddi ż-żmien saħanistra anke wara l-età legali tal-irtirar, madankollu min-naħa l-oħra, meta tqis l-element tal-possibilitajiet u tal-bidliet fil-ħajja, tara li multiplier ta' 28, viz. sakemm l-attur jagħlaq disgħa u ħamsin (59) sena, kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti huwa wieħed ġust u xieraq.**

Il-Qorti tirrileva li ir-rikorrenti kellu 37 sena meta l-intimat weggghu bil-mutur u illum il-gurnata l-eta' ta' irtirar hija dik ta' 65 sena. It-tabib rikorrenti huwa impjegat fis-settur pubbliku ghaldaqstant hu mistenni jahdem sa l-eta' tal-irtirar.

**Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fhema li l-multiplier ghandu jinhadem fuq sebgha u ghoxrin sena (27).**

**Ikkunsidrat:**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu r-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tikkunsidra li taghtih zieda minhabba l-inflazzjoni u zidiet fil-paga.

Il-Qorti minghajr tlaqlieq tghid li ma taqbilx ma' tali sottomissjoni ghax jidher ben car li mill-2014 'l hawn ir-rikorrenti ma baghta minn l-ebda tnaqqis fil-paga u qed jippercepixxi il-paga shiha bil-beneficcji kollha li huma allaccati maghha.[40] Dan ifisser li kull zidiet fl-inflazzjoni huwa diga' qed jippercepihom fl-istess paga *in toto*.

**Ghaldaqstant, l-argument tieghu fejn jidhol ziediet fil-paga abbinati mal-inflazzjoni qed jigi michud.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tnaqqas dak li ser jigi likwidat lir-rikorrenti b'20% minhabba li ser tkun qed tordna li r-rikorrenti jithallas lump sum payment. Ir-rati tal-imghax bhal issa huma favorevoli hafna u dan barrail-fatt li individwu jista' jinvesti fi strumenti finanzjarji tajba u li jistghu ihallu l-frott.[41]

**Ghaldaqstant, il-Qorti ser tkun qed tnaqqas l-ammont ta' 20% mis-somma finali likwidata favur ir-rikorrent[42].**

---

[40] Ara f' dan is-sens **George Gatt vs Francis E. Carbone** deciza mill-Qorti tal-Appell fis- 7 ta' Lulju 1998 per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Said Pullicino flimkien mal-Imhallfin Joseph A. Filletti u Albert Manche'. ***Wara kollox ghalkemm b' ritmu ridodd hu jiddikjara li dahal ghax xoghol f' Marzu 2013, jigifieri madwar 4 xhur wara l-akkadut.***

[41] Dak li qed jiccita ir-rikorrenti a A folio 427 Trevor Grech vs Lawrence Agius – PA 17 ta' Ottubru 2018 ma tantx jaghmel sens ghas-sena 2024 meta it-tassi ta' interess huma gholjin, mhux biss fil-banek imma ukoll meta wiehed jixtri per ezempju bonds lokali. Kollox irid jigi ikkunxsidrat fil-mkuntest ta' meta tinghata is-sentenza.

[42] Il-Qorti tinnota ukoll li kien hemm xi dewmien f' din il-kawza tort tar-rikorrenti meta fl-ahhar tal-kawza ghamel appell fuq id-digriet taghha li gie dikjarat irritu u null. Barra minn dan peres li din kienet kawza biss dwar danni kellu jikkompila l-provi tieghu b' aktar heffa.

**Ikkunsidrat:**

Ben fermi l-konsiderazzjonijiet kollha maghmulha hawn fuq, il-Qorti ghalhekk qed tkun qed tillikwida id-danni tar-rikorrenti bil-mod segwenti:

**Qligh nett – Ewro 52,593.18**[43]

**Multiplier- 27**

**Grad ta' dizabilita' – 10%**

**Lump Sum Payment- 20%**

**Kalkolu: Ewro 52,593.18cx 27x 10%= (Ewro 142,001.59)- 20%= Ewro 113,601.25c**

**Total dovut huwa Ewro 113,601.25c (lucrum cessanti)+ Ewro 19,708.63 ( differenza fil-paga ghas-sena 2013)+ Ewro 5,000 (danni psikologici arbitrio buoni viri)+ Ewro 2,000 (danni emergenti tal-mutur) ghal total ta' Ewro 140,309.88c**

**Decide:**

[43] Wiehed irid iqis li l-*over time* u perkacci mhux dejjem garantiti matul il-perjodu lavorattiv ukoll.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti:

1. Tiddikjara lil Raymond Attard unikament responsabbli ghall-incident *de quo*; u

2. Tillikwida d-danni emergenti sofferti mill-attur fl-ammont ta' **Ewro 2,000 (danni emergenti tal-mutur); u**

3. **Tillikwida l-lukri cessanti sofferti mill-attur fl-ammont ta' mija u erbghin elf u tlett mija u disa' Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€140,309.88) rapprezentanti t-total ta' mija u tlettax il-elf u sitt mija u wiehed Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu rapprezentanti (€113,601.25c), dsatax il-elf u seba' mija u tmien Ewro u tlieta u sittin centezmu Ewro (€19,708.63) differenza fil-paga ghas-sena 2013 u hamest'elef Ewro (€5,000) danni psikologici kwantifikati arbitrio buoni viri; u**

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont komplessiv ta' **mija u erbghin elf u tlett mija u disa' Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€140, 309.88c)** flimkien mal-imghax skont il-ligi fuq din is-somma b'effett mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez ta' dawn il-proceduri huma kollha a karigu tal-intimat, b'dana illi t-talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilta tal-konvenut ghall-

imsemmi incident ghandha tibqa' bla taxxa peress illi l-intimat mal-ewwel ammetta tali responsabilta.

(ft) Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

(ft)

Deputat Registratur.